**107. Il-Ministru għall-Ġustizzja, Artijiet, Djar u Affarijiet tal-Parlament, l-Onor. Ġużè Cassar, jipproponi:**

Illi minkejja kull provvedimenti oħra fl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra dan li ġej għandu jirregola l-proċedura fuq l-Abbozz ta' Liġi msejjah "Att ta' l-1978 dwar it-Tabakk u Prodotti tat-Tabakk".

A. Illi d-diskussjoni fuq it-Tieni Qari jekk ma tkunx ntemmet qabel ma għandhiex tieħu aktar minn seduta waħda li fiha dan l-abbozz ta' liġi jidher bħala l-ewwel Ordni tal-Ġurnata; u li fil-ħin ta' l-interruzzjoni tax-xogħol tas-seduta msemmija titqiegħed kull mistoqsija li jkun hemm bżonn biex jintemm dan it-Tieni Qari;

B. Billi d-diskussjoni fil-Kumitat jekk ma tkunx intemmet qabel ma għandhiex tieħu aktar minn żewġ seduti li fihom dan l-Abbozz ta' Liġi jidher bħala l-ewwel Ordni tal-Ġurnata, u li fil-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol tas-tieni seduta msemmija, ic-chairman minnufih iqiegħed il-mistoqsija fuq il-klawsola, emenda jew skeda li dak il-ħin tkun qed tiġi diskussa u jkompli jqiegħed il-mistoqsija fuq l-emendi li jibqa' u fuq il-klawsoli u l-iskedi l-oħra kollha, waħda wara l-oħra, mingħajr emendi jew diskussjoni, iżda Ministru jista' jressaq emendi u klawsoli ġodda mingħajr avviż, li fuqhom titqiegħed il-mistoqsija mingħajr diskussjoni u Minstru jista' wkoll jitlob il-konsiderazzjoni mill-ġdid fil-Kumitat, fejn il-mistoqsija fuq emendi, klwasoli, jew klawsoli ġodda mingħar avviż titqiegħed mingħajr diskussjoni;

C. Illi t-Tielet Qari jista' jittieħed fl-istess seduta msemmija fi-paragrafu(B) meta jintemm il-Kumitat, jew il-konsiderazzjon mill-ġdid fil-Kumitat, anke jekk ikun għadda l-ħin ta' l-interruzzjoni tax-xogħol.

03.02.1978